Diċembru 2019 • Vol 26 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



pulizija.gov.mt
fb.com/themaltapoliceforce/

**Newspaper Post**




# LOVE EVERY STEP

**Scholl Autumn Winter Collection 2019** out now.
Visit schollcentre.com to view the entire collection or visit one of our Scholl Foothealth Centres at: The Point - Sliema, Valletta, Mosta, Fgura and Victoria - Gozo.

Shop online and get Free Delivery!

**schollcentre.com**

Scholl® and the Scholl® logo, Gelactiv®, Bioprint®, Memory Cushion®, Scholl Biomechanics®, Pescura®, Party Feet® and Pocket Ballerina® are trade marks of the Reckitt Benckiser Group of companies and are used under license.

# Editorjal

Kelli f'moħħi li bħal kull sena fl-edizzjoni ta' Diċembru nibda billi nikteb xi erba' kelmiet dwar l-atmosfera tal-Milied li tibda dieħla ftit ftit f'daż-żminijiet, però miegħi dalgħodu rajt deħlin għax-xogħol grupp ta' kollegi li probabbilment il-festi tal-Milied huma l-inqas ħsieb li għandhom f'moħħhom bħalissa. Kollegi li għal dawn l-aħħar xhur, anke snin kienu għaddejjin f'ħidma ma taqta' xejn fuq każijiet li bla dubju ma kienu xejn faċli.

Dan l-editorjal qed jinkiteb fi żmien kemxejn turbulenti u fl-eqqel ta' investigazzjonijiet u żviluppi ma' kull siegħa tal-ġurnata u għaldaqstant mhux lok li nsemmu wisq, iżda xtaqt biss li nuri l-apprezzament lejn dawn il-kollegi u b'mod speċjali l-familjari tagħhom.

Ma jistax jonqos li b'xi mod xorta ndaħħlu l-ispirtu tal-Milied f'din l-edizzjoni u ta' kull sena tkun biċċa uġigħ ta' ras x'se npoġġu fil-qoxra tal-magazin! Grazzi għall-kreattività u l-paċenzja tal-kollegi fis-CMRU u l-uffiċċju tal-Kummissarju ħejjejna ritratt li jissimbolizza l-presepju għall-kenn tal-fanal il-blu. Ġew f'idejna wkoll numru ta' kartolini li ħareġ il-Korp fis-snin mgħoddija u ħsibna biex għall-paġni tan-nofs inwasslu l-awgurji billi nqanqlu ftit memorji ta' ritratti passati.

F'isem il-Bord Editorjali nawgura lil kulħadd il-Festi t-Tajba u sena ġdida mimlija hena u saħħa!


## Membri tal-Bord Editorjali:

President: Kap Eżekuttiv Angelo Gafà

Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon

Membri: Supretendent Jesmond Borg
Spettur David Bugeja
WPC 25 Charlene Cilia

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
WPC 19 Daniela Grima Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters,
Floriana, VLT 2000 jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317 e-mail: refer@maltanet.net
Stampar
GUTENBERG PRESS


# WERREJ


04 MESSAĠĠ MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI
07 MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA
08 MILL-UFFIĊĊJU TAL-KAP EŻEKUTTIV
10 DAN L-AĦĦAR...
20 IL-GWARDJA TAL-UNUR B'PASSI 'L QUDDIEM
26 MALTA POLICE ASSOCIATION
30 POLICE OFFICERS UNION
32 AWGURI U XEWQAT SBIEĦ MINN ĠABRA TA' KARTOLINI PASSATI
35 MISTOQSIJIET KOMUNI DWAR L-EMPLOYEE SUPPORT PROGRAMME (ESP)
36 MILL-IMGĦODDI
38 X'INHU N-NOC?
40 APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA
43 PAĠNA GĦAT-TFAL
46 PAĠNA TAL-ISPORTS
53 INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION – MALTA SECTION
59 MALTA ASSOCIATION OF RETIRED POLICE OFFICERS
62 OBITWARJU



# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

Ir-rispett ma tgawdihx jekk ma taħdimx biex takkwistah. Huwa għalhekk li persuna meta tilbes uniformi tal-Pulizija ma tistax tħares lejn persuni oħra u tippretendi li tista' taġixxi kif trid u jogħġobha. L-aġir tal-membri tal-Korp tal-Pulizija huwa saħansitra importanti mhux biss meta jkun bl-uniformi imma anke 'l barra mill-ħin tax-xogħol. Infakkar li l-eżempju jkaxkar u apparti l-istima lejn il-persuna, il-membri tal-Korp tal-Pulizija għandhom ikunu konxji li din tiġi estiża lejn il-Korp kollu.

Naf li tmur fejn tmur ikun hemm dik it-tuffieħa ħażina. Sfortunatament aktar jagħmel ħoss l-aġir ta' dik it-tuffieħa ħażina milli t-tajjeb li ta' kuljum isir mill-membri l-oħra.

Forsi kultant ikun it-tort tal-Korp tal-Pulizija li ma jiftaħarx biżżejjed b'rixu. Ninnota li anka l-midja soċjali ma tantx tgħin. Stejjer ta' atti kriminali jinxterdu malajr, imma meta l-kriminal jinqabad tissemma' darba u ftit li xejn tiġi mxerrda.

Nifhem ukoll l-impatt fuq persuna li tispiċċa vittma, jew familjari jew ġirien li jkunu spiċċaw vittma. Interessanti l-perċezzjoni ta' dik il-persuna. Mhux qed ngħid li l-kriminalità ma teżistix. U lanqas irrid li xi ħadd jinterpretani ħażin u tgħaddilu minn moħħu li jien qed ngħid li l-kriminalità perċezzjoni. Altru. Imma meta persuna jew xi ħadd li jaf jispiċċa vittma, tidħol fih il-biża' u l-impatt tat-trawma, jilgħab fuq il-moħħ ta' dak il-persuna u jisħaq li r-rata ta' kriminalità hi bla kontroll.

Ir-realtà turi li Malta hi waħda mill-pajjiżi fejn ir-rata ta' kriminalità, ras għal ras hi waħda fost l-aktar baxxi fost il-membri stati tal-Unjoni Ewropea. Biżżejjed insemmi li matul l-2017 ir-rata ta' kriminalità naqset b'0.9% u fl-2018 naqset b'7%. Dan meta żdiedet il-popolazzjoni, kien hemm żieda fit-turiżmu u fl-affluwenza. Bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena mqabbla mal-istess żmien is-sena ta' qabel, ir-rata naqset b'4%.

Apparti minn hekk il-Pulizija kellha suċċessi sostanzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità billi ssolvew numru ta' każi, li ġew proċessati quddiem il-Qorti u nstabu ħatja. Dan kollu kien possibli għax il-Pulizija saret iktar effiċjenti biex issolvi l-każi imma anke billi qed tkun proattiva.

Irridu nsaħħu jdejn l-investigaturi. Għalhekk qed isir investiment kbir fil-Korp tal-Pulizija fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Nafu li l-kriminal jagħmel minn kollox biex jieħu vantaġġ mit-teknoloġiji moderni. Huwa għalhekk importanti li l-investiment ikompli biex nagħtu l-għodda li tgħin lill-investigaturi, u tkun l-aktar moderna biex tiġġieled il-kriminalità ta' llum, filwaqt li tipproteġi d-data taċ-ċittadini onesti.

U hemm nerġa' ndur għar-rispett. Fl-aħħar sondaġġi li saru deher li dan ir-rispett żdied sostanzjalment. Imma rrid ngħid li ninsab xi ftit preokkupat dwar in-numru ta' każi ta' Pulizija li jiġu mweġġgħa waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dan mhux aċċettabbli.
Wara t-titjib li sar lill-membri tal-Korp tal-Pulizija issa rridu nsaħħu l-protezzjoni lejn il-membri tal-Korp. Il-Ministeru ħa jkompli jaħdem biex jara li dan isseħħ.

Nawgura lilkom u l-familja l-isbaħ xewqat u l-festi t-tajba. ✠


YOUR PLUS SIZE SPECIALIST - Sizes 1XL to 8XL
BIGGERMEN CLOTHING
Wide fit up to size 50
Revolut
One4all
Also OPEN on Sundays and Public Holidays
9, Misraħ L-indipendenza, Żejtun (Fejn isir il-monti)
27 / 77 30 27 50


NEW PEUGEOT 208
UNBORING THE FUTURE
HX-080-WT
ELECTRIC / PURETECH PETROL / BLUE HDI DIESEL
PEUGEOT 3D i-Cockpit®
8-SPEED AUTOMATIC GEARBOX
Terms & Conditions Apply
MOTION & e-MOTION
PEUGEOT
Michael Attard Ltd, National Road, Blata l-Bajda T: 21238854 M: 79406607 E: sales@michaelattard.com W: www.peugeot.com.mt




Material: Cement Patterned Tiles. Christmas Tree by Floreal.

Halmann
VELLA

Halmann Vella Ltd, The Factory, Mosta Road, Lija. LJA 9016. Malta
T: (+356) 21 433 636 E: info@halmannvella.com

**www.halmannvella.com**



# MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

Kollegi,

Jekk Alla jrid għaddiet sena oħra minn fuqna u minn fuq il-familji tagħna. Din is-sena jiena nqisha bħala waħda fejn il-membri tal-Korp bdew igawdu minn diversi miżuri li ttieħdu biex ikollhom il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom ferm aħjar. Għalaqna aktar minn sena minn meta ġie fis-seħħ il-Ftehim Settorjali l-ġdid. Nemmen li dan kien ftehim storiku li minnu gawdew il-membri tal-Korp kollha. Jiena nemmen li xorta għad fadal affarijiet oħra x'intejbu. Bi qbil mal-*Unions* hemm kundizzjonijiet oħra li jistgħu jkomplu jagħmlu l-ħajja tal-membri tal-Korp aħjar milli diġà hi. Waħda minn dawn hija l-ħlas tal-*extra duty* u tal-*overtime*.

Barra minn hekk kienet sena impenjattiva ħafna għalina. Komplejna l-ġlieda tagħna kontra l-kriminalità organizzata speċjalment fejn jidħlu serq minn djar u *pick-pocketing*. Kien ta' sodisfazzjoni għalija, li grazzi għall-ħidma kollettiva tagħna, ir-rata tal-kriminalità kompliet tonqos. Il-ġlieda kontra d-droga wkoll kompliet tħalli riżultati eċċellenti u qegħdin niksru rekord wara ieħor fejn jidħol qbid ta' droga u persuni mressqa l-Qorti fuq dawn ir-reati.

Jiena nemmen li dawn l-affarijiet ma jiġux mix-xejn jew b'xi kumbinazzjoni. Il-motivazzjoni hija xi ħaġa li jiena nemmen fiha bis-sħiħ. Anke hawn, il-motivazzjoni ma tiġix mix-xejn. Ħdimna ħafna biex il-membri tal-Korp ikollhom kundizzjonijiet ferm aħjar tax-xogħol tagħhom. Fil-preżent l-amministrazzjoni tal-Korp qiegħda taħdem ukoll fuq diversi binarji biex il-Korp tal-Pulizija jkompli jiġi mmodernizzat u nkunu f'pożizzjoni aħjar fil-ġlieda tagħna kontra l-kriminalità.

Tajjeb li hawn nsemmu wkoll mill-inizzjattivi li qegħdin fil-proċess bħalissa biex jiġu fis-seħħ is-sena li ġejja:

- It-tqassim ta' vetturi ġodda lid-distretti u diversi taqsimiet tal-Korp ħalliet ir-riżultati mixtieqa. Hu ta' sodisfazzjoni għalija personali li sal-bidu tas-sena d-dieħla l-vetturi tad-distretti se jkunu kollha ġodda. Kull min għandu servizz twil żgur jiftakar il-mod kif id-distretti tagħna kienu jiġu mgħammra b'vetturi *second-hand* li jkunu diġà taw servizz twil f'postijiet oħra u dan bil-problemi kollha li jġibu magħhom.

- Proġett ieħor li se jkun fi stat avvanzat is-sena d-dieħla hu l-proġett tal-għassa ġdida ġewwa Wied il-Għajn. Fl-istess waqt se tkompli l-ħidma tagħna biex inkomplu nimmodernizzaw l-għases tagħna wara li diġà sar ħafna xogħol f'diversi għases f'lokalitajiet differenti.

- Proġett ieħor importanti, li għandu jkun fi stat avvanzat is-sena d-dieħla, huwa dak tal-uniformijiet il-ġodda. Saret ħafna ħidma f'dan l-aspett u jien persważ li r-riżultat aħħari se jkun wieħed fejn il-membri tal-Korp se jkollhom uniformi aktar moderna biex ikunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom b'mod aktar komdu u b'riżultat t'hekk tkompli tikber l-effiċjenza.

Mhux possibbli li nsemmi dak kollu li hemm pjanat għas-sena d-dieħla għax kieku jkolli bżonn aktar minn paġna waħda ta' dan il-magażin. Issa ejja nitkellmu fuq suġġett ieħor li huwa ferm importanti kemm għalija kif ukoll għall-amministrazzjoni tal-Korp. Is-sena d-dieħla se jitkomplew il-proċessi li diġà bdew fejn jidħol avvanz fil-karriera u promozzjonijiet f'karigi differenti tal-membri tagħna. Tajjeb wieħed jindika li dan hu proċess kontinwu li issa ilu għaddej dawn l-aħħar snin. Fir-rigward tar-rekluti, il-pjanijiet tal-Korp huma li jkollna mill-anqas żewġ reklutaġġi fis-sena. Nieħu wkoll din l-opportunità biex nawgura lil dawk kollha li ressqu 'l quddiem biex javvanzaw fil-karriera tagħhom.

Fejn jidħlu branki speċjalizzati, ukoll għaddej xogħol kbir b'xiri ta' apparat modern u binjiet ġodda. Waħda minn dawn il-binjiet hija propju dik tal-*Economic Crimes Unit*, li barra li se tkompli tissaħħaħ fl-ammont ta' nies, se timxi f'binja oħra aktar moderna u adattata għaż-żminijiet ta' llum biex tkun tista' topera f'ambjent aktar adattat għall-ħtiġijiet ta' llum.

Ma nistax nagħlaq u ma nsemmix il-kunċett li propju ġie introdott din is-sena fejn jidħol *Community Policing*. Il-proġett pilota li bħalissa għandna għaddej ġewwa l-Mellieħa kien ta' suċċess kbir. Fil-fatt bosta bliet u rħula oħra qegħdin jitolbuna biex dan il-kunċett jiġi introdott fil-lokalità tagħhom. Il-ħsieb tagħna hu li għas-sena 2020 dan jiġi mifrux fuq numru ta' lokalitajiet oħra li diġà bdejna naħdmu fuqhom.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nawgura Milied ħieni u sena mimlija risq lill-membri kollha tal-Korp u lill-familji tagħhom.



# MILL-UFFIĊĊJU TAL-KAP EŻEKUTTIV

Għeżież kollegi,

Bil-grazzja tal-ħanin Alla erġajna ninsabu fi tmiem sena oħra. Hekk kif ninsabu fuq l-għatba ta' sena ġdida, umilment inħoss li din is-sena li matulha ċċelebrajna l-mitejn u ħames snin mit-twaqqif tal-Korp, kienet waħda ta' sodisfazzjon kbir għall-organizzazzjoni tagħna.

Matul is-sena 2019 tkompliet il-ħidma sabiex il-Korp tal-Pulizija jkompli jissaħħaħ fil-ġlieda kontra l-kriminalità, partikolarment dik serja u organizzata. L-investiment sostanzjali li qed isir fil-Korp qed iħalli effetti pożittivi tant li fl-aħħar sentejn il-kriminalità f'pajjiżna naqset bi 8% u dan minkejja li l-kuntest ta' ekonomija b'saħħitha joffri aktar opportunitajiet għall-kriminal. Fl-istess waqt il-fiduċja tal-pubbliku żdiedet bi 15%.

Din is-sena l-Korp akkwista aktar minn 70 vettura ġdida li tqassmu bejn il-pulizija distrettwali u dawk fit-taqsimiet speċjalizzati. L-investiment qed isir b'mod ekwu fl-istruttura tal-Korp sabiex kif tenna l-Kummissarju diversi drabi, inneħħu l-mentalità darba għal dejjem li fil-Korp hawn sezzjonijiet tal-prima klassi u oħrajn tat-tieni diviżjoni. Kull wieħed u waħda minna għandu rwol importanti x'jaqdi fil-katina ta' servizzi li noffru.

Fil-jiem li ġejjin ser inkunu qed nibdlu l-vetturi qodma li fadal fid-distretti sabiex b'hekk il-flotta tal-pulizija tad-distrett ser tkun kollha ġdida bl-eqdem vetturi jkunu dawk akkwistati fl-2018. B'dan il-mod il-pulizija tagħna qed jingħataw ir-riżorsi meħtieġa sabiex is-servizz offrut ikun tal-ogħla kwalità filwaqt li ngħollu l-immaġni tagħna mal-poplu Malti u Għawdxi.

Fl-istess waqt komplejna nimmodernizzaw l-għases sabiex il-pulizija jaħdmu f'ambjent denju u l-pubbliku jinqeda aħjar. Tlestew ix-xogħlijiet fl-għases ta' Bormla, tan-Naxxar u ta' Raħal Ġdid, waqt li x-xogħol ta' immodernizzar ġol-Għassa ta' Marsalforn (Għawdex) jinsab fi stadju avvanzat ħafna. Aktar minn hekk, sal-aħħar tas-sena d-dieħla l-Korp mistenni jinawgura żewġ għases ġodda fin-naħa ta' isfel ta' Malta, f'Marsaxlokk u f'Wied il-Għajn. Bħalma wieħed jista' josserva, ix-xogħol infrastrutturali ġewwa l-Kwartieri Ġenerali ma jaqta' qatt. Aktar tard is-sena d-dieħla, il-Korp ser ikun qed iżanżan uffiċini ġodda għas-*Cyber Crime Unit* u għad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjari, b'dawn tal-aħħar jimxu għal uffiċini barra l-Kwartieri Ġenerali. B'dan il-mod ser inkunu qed insaħħu sostanzjalment dawn iż-żewġ dipartimenti li jinvestigaw l-aktar żewġ tipi ta' reati li qed jikbru b'rata mgħaġġla, is-*cyber crime* u l-*financial crime*. Sadattant, l-għases iż-żgħar bdew jiġu mgħammra b'sistemi ta' *intercom* li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni maċ-ċittadini filwaqt li bdew jiġu introdotti aktar miżuri ta' sigurtà fl-għases tal-pulizija bil-għan li tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-uffiċjali tal-pulizija.

Minkejja xi intoppi li affaċjajna, sal-aħħar tas-sena d-dieħla huwa mistenni li l-proġett ta' *Command and Control Room* ġdida fil-Kwartieri Ġenerali jkun fi stadju avvanzat ħafna. Din il-binja ser tkun qed tiġi mgħammra b'teknoloġija avvanzata fl-immaniġjar tal-operat tal-Korp, inkluż f'avvenimenti li jkunu jirrikjedu livell ta' sigurtà ogħla min-normal. Filwaqt li komplejna bl-analiżi ta' siti li fuqhom il-Korp jista' jibni laboratorju forensiku ġdid, matul din is-sena saru wkoll viżti f'laboratorji forensiċi stabbiliti barranin sabiex jiġu identifikati r-rekwiżiti ta' laboratorju forensiku li jaqdi l-ħtiġijiet tal-Korp illum u għal li ġej. Fl-istess waqt il-Laboratorju Forensiku kompla jakkwista apparat modern li jgħin fl-investigazzjonijiet tal-pulizija.

Matul din is-sena sar investiment sostanzjali fl-apparat użat mill-RIU u l-SIU fejn, fost oħrajn, il-Korp akkwista *firearms training simulator* li jassisti fit-taħriġ tal-użu tal-armi f'ambjent aktar sikur u li jagħti l-opportunità lill-membri tal-Korp sabiex jitħarrġu f'xenarji differenti. L-investiment f'dawn iż-żewġ sezzjonijiet ser ikun qed jiżdied drastikament matul is-sena li ġejja sabiex sal-aħħar tas-sena d-dieħla, il-Korp ikun introduċa flotta ġdida ta' vetturi speċjalizzati għall-użu tal-RIU u l-SIU.

Fl-2019 introduċejna numru ta' inizjattivi oħra intenzjonati li jgħollu l-livell tas-servizz offrut lill-pubbliku. Primarjament, nedejna l-proġett pilota tal-*Community Policing* ġewwa l-Mellieħa li, fl-opinjoni umli tiegħi, kien wieħed ta' suċċess kbir għall-Korp u li bis-saħħa tiegħu qed jirnexxilna nqarrbu lill-pubbliku aktar lejna filwaqt li nżidu fil-fiduċja tan-nies. Tant dan il-proġett kien suċċess li numru ta' residenti, kunsilliera u sindki ta' lokalitajiet qed jitolbu sabiex dan is-servizz jiġi estiż fil-lokalitajiet tagħhom. Kif ġa ħabbarna, is-sena li ġejja ser inkomplu nintroduċu dan is-servizz f'lokalitajiet oħra li ġa ġew identifikati u naturalment ser jibqa' jiġi estiż inkrimentalment madwar Malta u Għawdex. Dan il-proġett jista' jkompli jkun wieħed ta' suċċess bis-saħħa ta' uffiċjali dedikati bħalma rnexxielna nattiraw għall-proġett pilota fil-Mellieħa.

U ġaladarba qed nitkellmu fuq l-uffiċjali tagħna u d-dedikazzjoni tagħhom, ninsab kuntent immens b'żewġ inizjattivi li introduċejna fil-bidu ta' din is-sena. Bdejna nagħtu importanza assoluta għat-taħriġ kontinwu li ħafna jirreferu għalih bħala *in-service training*. Irnexxielna niddedikaw għaxart ijiem konsekuttivi għal dan it-taħriġ liema taħriġ huwa strutturat f'partijiet teoretiċi u oħrajn prattiċi wara konsultazzjoni mat-tabib tal-Korp. Matul is-sena nedejna wkoll il-kunċett ta' sessjonijiet ta' *Think-Tank* fejn fihom il-Korp qed jagħti l-opportunità lil kull membru fil-Korp biex jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar suġġetti magħżula minnkom stess. Nassigurakom li l-amministrazzjoni tal-Korp tagħti widen għas-suġġerimenti tagħkom u l-uffiċċju li mmexxi jien jibqa' jsegwihom sabiex nassiguraw l-implimentazzjoni tagħhom wara approvazzjoni mill-Kummissarju.

Fl-aħħar nett, iċ-ċirasa fuq il-kejk għal din is-sena kienet it-tluq tal-proċess li ser iwassal għat-tnedija ta' Strateġija ta' Trasformazzjoni għall-Korp tal-Pulizija. Din l-istrateġija ffinanzjata minn fondi Ewropej għandha tkun il-boxla li tidderiġi lil din l-organizzazzjoni tant importanti f'demokrazija sabiex tkun tista' timplimenta pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu stabbilit ta' snin. B'dan il-mod il-Korp tal-Pulizija ser ikollu għall-ewwel darba viżjoni stabbilita u strateġija ċara li permezz tagħha jimplimenta din il-viżjoni u b'hekk jilħaq l-għanijiet tiegħu għall-ġid tal-membri tiegħu u fuq kollox tas-soċjetà inġenerali sabiex Malta tibqa' tkun fost l-aktar pajjiżi sikuri fid-dinja.

Filwaqt li nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għall-ħidma effettiva tagħkom, nagħlaq billi nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom il-Milied u s-Sena t-Tajba mimlijin b'dak kollu li tixtieq qalbkom, fuq kollox il-paċi.

DOMINE DIRIGE NOS.

ceo.police@gov.mt






# DAN L-AĦĦAR...

Minn WPC 25 Charlene Cilia – CMRU

Fit-22 t'Awwissu, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, inawguraw 21 vettura u 6 *segways* ġodda li ser jintużaw fid-distrett u fil-komunità.

F'diskors qasir li għamlu kemm il-Ministru kif ukoll il-Kummissarju, semmew il-pjan ta' investiment li għaddej minnu l-Korp tal-Pulizija fejn il-flotta kollha tal-Korp trid tiġi modernizzata.

It-tberik ta' dawn il-vetturi kif ukoll is-*segways* il-ġodda sar mill-Kappillan tal-Korp Fr Raymond Bonnici u waslet għat-tmiem ta' din iċ-ċerimonja.

Preżenti għal din l-inawgurazzjoni kien hemm il-Kap Eżekuttiv tal-Korp Angelo Gafà flimkien ma' uffiċjali għoljin fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

---

Fl-10 ta' Settembru, ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* bejn il-Korp tal-Pulizija ta' Malta li kien rrappreżentat mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar u ċ-*Chairman* is-Sur Joseph Bugeja li rrapreżenta t-Transport Malta.

Ippresedew dan l-iffirmar il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia u l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Ian Borg.



BAILEYS
WE WISH YOU A
Merry
Treatmas
BAILEYS
The
ORIGINAL
Irish Cream
PRODUCT of IRELAND
drinkawaremalta.com
for the facts
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
demajowinesandspirits.com

Transport Malta

# Qabel toħrog mill-karozza **ħares fil-mera** biex tara li mhu ġej ħadd.



**Żomm għajnejk fuq it-triq.**

**www.transport.gov.mt**




Dan il-ftehim se jkun qiegħed jifformalizza u jirregola r-relazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet, biex il-Pulizija jkollhom aċċess aktar regolat u effiċjenti għall-filmati disponibbli mill-*cameras* ta' Transport Malta.

F'diskors mill-Ministru Ian Borg issemma kif bħala Ministeru dejjem ikkollaboraw u mistennija tkompli tissaħħaħ din il-kollaborazzjoni għall-ġid komuni.

Min-naħa tiegħu, il-Ministru Michael Farrugia saħaq li b'dan il-ftehim, it-teknoloġija ser tkun qed tintuża mhux biss fil-ġlieda kontra l-kriminalità imma sabiex ikun hemm aktar toroq siguri.

Il-Kummissarju tal-Pulizija għalaq b'diskors qasir fejn filwaqt li rringrazzja lill-persuni li kienu involuti u li ħadmu biex dan il-ftehim jintlaħaq, il-Kummissarju qal li jrid ikun hemm ħidma bejn entitajiet differenti sabiex tiġi preservata l-ordni pubblika.




MONTHLY INVESTMENT PLAN

# START A PLAN **THIS CHRISTMAS**

Start a Monthly Investment plan from as little as €50 monthly.

**Cost Averaging | Flexibility | Expertise | Diversification**

**Talk to us | 2131 2020 | bovassetmanagement.com**

BOV
ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

The value of the investment can go down as well as up. Any initial charges and exit fees that may apply may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV p.l.c. is licensed by the MFSA and qualifies as a UCITS. The BOV Investment Funds is a common contractual fund licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive. Issued by BOV Asset Management Limited, 58, Zachary Street, Valletta, VLT 1130, Malta. Tel: 21227311, Fax: 22755661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com.mt. Source: BOV Asset Management Limited.



Fil-11 ta' Settembru ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, propju fl-uffiċċju tal-Kummissarju, ġie ffirmat *Memorandum of understanding* bejn il-Kummissarju tal-Pulizija u Dr Silvio De Bono bħala rappreżentant minn *Idea Leadership and Management Institute* (ILMI).

L-*Idea Leadership and Management Institute* hija kumpanija li tipprovdi korsijiet f'suġġetti varji fosthom dawk maniġerjali. F'laqgħa qasira bejn il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà u Dr Silvio De Bono li kien ukoll akkumpanjat mis-Sinjura Jenniffer Tonna, ġiet offruta opportunità lill-membri tal-Korp tal-Pulizija kollha anke pajżana li jibbenefikaw minn skont ta' 20% fuq korsijiet ta' *Management and Leadership* li joffri dan l-Istitut.

Is-Sur De Bono spjega li l-għazla ta' dan il-ġest kien li bħala Istitut xtaqu jagħtu xi ħaġa lill-pajjiż permezz tal-Korp tal-Pulizija. Huwa spjega kif it-tagħlim f'dawn il-korsijiet huwa indirizzat lejn studenti adulti li ħa jgħinhom jibnu l-portafoll tagħhom.

Is-Sur Angelo Gafà tkellem fuq l-importanza li jkollok *leadership skills* bħala Pulizija u jekk jista' jkun minn ranks żgħar. "Fil-korp, kull uffiċjal jirrappreżenta lill-Kummissarju tal-Pulizija. Ħafna jaħsbu li *leadership* huwa marbut biss ma' rank…iżda dan mhux il-każ".

Il-Kummissarju tal-Pulizija min-naħa tiegħu qal li llum kulħadd qed ifittex metodi ġoddi kif jistudja u anke l-Pulizija qed tfittex sorsi biex tkabbar in-*knowledge* tagħhom. Filwaqt li rringrazzja lis-Sur De Bono kif ukoll lis-Sur Angelo Gafà li miegħu saru t-taħdidiet sabiex ningħataw dan il-benefiċċju, għalaq billi qal li din l-inizjattiva ser tgħin ħafna lil dawk il-Pulizija biex jieħdu l-opportunità u javvanzaw fl-istudji tagħhom.

Min jixtieq aktar informazzjoni jista jżur is-sit www.ideaeducation.com.mt




Nhar l-24 t'Ottubru, ġie inawgurat l-uffiċċju tal-*Hate Speech u l-Hate Crime Unit* li jinsab il-Belt Valletta. Dan huwa proġett iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea bi sħubija bejn il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, il-Korp tal-Pulizija, il-*Victims Support Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, l-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati, l-Aġenzija għall-Ħarsien ta' Persuni li jfittxu l-Ażil (AWAS), id-Direttorat għall-Integrazzjoni u l-Ugwaljanza, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbilità u l-*Victim Support Europe*.

Għal din l-inawgurazzjoni attendew il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kap Eżekuttiv tal-Korp kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia tenna li dan il-*Unit* għandu żewġ għanijiet ewlenin; li jinforma lill-pubbliku ġenerali dwar dak li jikkostitwixxi diskors ta' mibegħda jew kriminalità instigata minn mibegħda u li jassisti lill-vittmi kemm legalment kif ukoll b'mod terapewtiku.

Fl-aħħar ta' din iċ-ċerimonja qasira, l-uffiċċju tbierek mill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija Fr Raymond Bonnici.

---

Fil-25 t'Ottubru ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret ċerimonja tal-għoti tal-midalji għal servizz twil u effiċjenti u *clasps*. F'din iċ-ċerimonja, 50 pulizija ngħataw il-medalja għal servizz twil u effiċjenti wara li għalqu 18-il sena servizz, 63 pulizija ngħataw l-ewwel *clasp* wara 25 sena servizz u tmien pulizija rċivew it-tieni *clasp* tagħhom wara 30 sena ta' servizz. Tmien eks membri ngħataw il-medalji u/jew *clasp* wara li spiċċaw mis-servizz u oħrajn li reġgħu ġew ingaġġati bħala riservi.

Preżenti għal dan l-avveniment li ġie presedut mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, attendew ukoll il-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà flimkien ma' uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp.

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Farrugia rringrazzja lill-membri tal-Korp tal-Pulizija tax-xogħol li jagħmlu ta' kuljum u li ħafna drabi jkun ta' riskju għal ħajjithom. Huwa inkoraġġihom sabiex jibqgħu jaħdmu fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

Il-Kummissarju tal-Pulizija qal li l-medalja li qed tingħata fiha sinjifikat u valur kbir għall-membri tal-Korp tal-Pulizija. Huwa spjega li dan hu unur u ġieħ li joħroġ mill-Att ta' Ġieħ ir-Repubblika, u għalhekk dan ifisser li dan l-unur qed jingħata mill-istat lill-membri.

magazine.police@gov.mt




Pavilion Jewellers, 43, Republic Street, Valletta. Tel: 2124 9222
Jos Debono Jewellers, 151, St Lucia Street, Valletta. email: info@pavilion.com.mt

TISSOTWATCHES.COM
TISSOT, INNOVATORS BY TRADITION


ĦALLAS FAĊILMENT
NIŻŻEL L-APP ILLUM
BOV pay
BOV
Bank of Valletta
GET IT ON Google Play
Kellimna | 2131 2020 | bov.com
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).




# FREE COMPUTER SERVICING

* Employees of the Malta Police Force, both sworn officers and civilian staff, shall be entitled to benefit from free servicing only once throughout the period between 23/10/2019 - 23/10/2020.

* Employees of the Malta Police Force will be provided free service upon presentation of the official Police Identity Card to the Notebook Centre.

## Free Services Available

| | | |
|---|---|---|
| Formatting | Physical Cleaning | Virus Removal |
| General Servicing | Antivirus Installation | |

**The Notebook Centre**
Triq Bellavista, San Gwann
+356 2777 4442 | info@notebookcentre.com.mt
https://thenotebookcentre.com.mt

# IL-GWARDJA TAL-UNUR B'PASSI 'L QUDDIEM

Mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Kienet ukoll l-idea tal-Kummissarju Henry William Bamford f'sensiela ta' affarijiet li riedu jsiru, bħala parti mill-istess riforma tiegħu fl-1920. Għalhekk minn dak iż-żmien kien ta bidu biex il-Korp ikollu l-banda tiegħu. Iżda hekk kif ftit wara li kienet bdiet tifforma l-banda; magħha kontinġenti ta' pulizija bdew ukoll ikunu msejħa sabiex iffurmaw Gwardja tal-Unur. Dawn bdew jieħdu sehem f'parati u ċerimonji, waqt li wkoll jilqgħu xi dinjitarji u personaġġi distinti li kienu jiġu Malta.

Iżda kien mill-1968 'il hawn, li l-pulizija bdew jingħataw taħriġ bl-azzarini għall-Gwardja tal-Unur u wkoll sabiex jagħmlu l-parati. Imbagħad f'Ġunju tal-1988 skwadra speċjali mill-istess Gwardja tal-Unur, bdew jagħmlu taħriġ speċjali biex minnhom stess imbagħad żviluppa dak li beda jissejjaħ is-*Silent Drill Team*. Il-wirjiet minn dawn iż-żewġ skwadri kif għidt komplew u għadhom isiru sal-lum il-ġurnata bl-ifjen teknika u bl-ogħla livelli. Bil-qofol tagħhom ikun dakinhar tat-12 ta' Lulju ta' kull sena meta jiġi ċċelebrat Jum Il-Pulizija.









# THE PROFESSIONALS' CHOICE

## made in the U.S.A., in service in Malta



### SIG P320 M17

The pistol which beat all competition to become the service pistol of the US Armed Forces (9x19)



### SIG MCX

Mission configurable system with interchangeable barrels (5.56x45 and 300BLK), mounted with a ROMEO4T



### SIG MPX

Mission configurable system with interchangeable barrels (9x19, .40S&W, .357SIG)



### SIG 516 CQB

Piston-driven rifle with 5.56x45mm 10.5" barrel

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Gunshop**

Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta

Tel: 2148 0118 · Mob: 9947 1091

E-mail: info@lsb-malta.com · Web: www.lsb-malta.com




**Make it happen**
Plan for tomorrow... Today

**Life / Health / Investments**

**www.globalcapital.com.mt**

GlobalCapital

GlobalCapital Life Insurance Limited is authorised to transact Long Term Insurance Business and is regulated by the Malta Financial Services Authority
GCHIA acts as a branch of Bupa Insurance Limited, which has passported its services through the European Passport Rights for Insurance and Reinsurance Undertakings Regulations.
GCHIA is registered as an insurance agent and is regulated by the MFSA.
GlobalCapital Financial Management Limited is licensed to provide investment services in Malta by the Malta Financial Services Authority

COM GC: 001



Għalkemm ma tantx nistgħu ngħidu li nstabet informazzjoni miktuba dwar il-parati mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta; min-naħa ta' ritratti dan jikkumpensa mhux bil-ftit, għall-fatt li ritratti għandna mhux ħażin u ta' żminijiet differenti.

Ma setax jonqos illi fuq dan is-suġġett ma nitkellmux mal-persuna responsabbli preżentament mill-Gwardja tal-Unur, l-Ispettur Anzjan Trevor Micallef fejn qalli li tista' tgħid minn kif daħal fil-pulizija kien membru tal-Gwardja tal-Unur, kif ukoll tal-*Precision Drill Team*. 'Meta lħaqt Spettur fl-1 ta' Frar 2008, għamilt sentejn fil-Gwardja tal-Unur bil-*Colour* tal-Korp tal-Pulizija li kien unur kbir għalija. Għamilt tmien snin wieqaf minn kollox però dejjem bqajt inħobbu d-*drill* għax għalkemm ħafna ma jogħġobhomx u forsi jarawh ħela ta' ħin, iġib sens ta' dixxiplina, waqt li jservi bħala għodda tajba għar-relazzjonijiet pubbliċi. Jiena ilni *Parade Commander* minn April 2018. Iżda mill-ewwel ġurnata li kont bdejt nagħti sehmi ridt li din il-Gwardja tal-Unur tilħaq ċertu livell u ma tibqax tidher f'għajnejn kulħadd bħala inqas minn ta' ħaddieħor. Ma kienx faċli biex indaħħal f'moħħ il-membri dak li xtaqt mingħandhom però bil-mod wasalna u għad hemm xi jsir. Ridt nibni fuq dak li kien bena l-ex Surġent 1137 Kevin Vella u warajh WPC 27 Christine Cutajar u RPC 3026 Frans Debono. Bħala taħriġ żdied għax nemmen li l-Gwardja tal-Unur għandha taħdem bħala grupp wieħed u ridt li jkollhom ftit motivazzjoni. Għamiltha premura li ninżel jiena jew l-Ispettur Timothy Zammit li hu l-fizzjal li jieħu ħsieb il-Gwardja tal-Unur numru 1 biex b'hekk in-nies jagħrfu li hemm xi ħadd jinteressah minnhom u mhux imorru għat-taħriġ u ejja ħa mmorru, jibdew jaħsbu li huma sempliċiment numru. Biex din is-sena għamilna l-parata tal-*Police Day*, konna bdejna biss minn ftit tax-xhur qabel. Bdejna niltaqgħu darba fix-xahar biex ukoll niffrankaw ix-xemx qalila. Għall-parata ta' din is-sena żidna l-membri biex b'kollox ħadna sehem 94 ruħ minn madwar 77 ruħ ta' qabel.

Tajjeb li ngħid li mhux f'kull parata jieħdu sehem il-membri kollha għax il-membri jitqassmu skont x'parata tkun. Wieħed ma jridx jinsa li l-Gwardja tal-Unur tieħu sehem u tirrappreżenta lill-Korp f'dak li hu ċ-ċerimonjal bħal ngħidu aħna fil-parata tas-Sette Giugno, ikollna żewġ parati wkoll l-Addolorata fuq l-oqbra tal-Korp; fejn f'dik ta' Novembru kont tlabt u ġie wkoll aċċettat li jkollna *firing party* biex nagħtu ġieħ u nsellmu lil membri li m'għadhomx magħna u anke peress li Novembru hu x-xahar tal-mejtin; il-parata tal-*Police Day* u *Remembrance Day* li nagħmluha mal-FAM.



Meta jħallina membru li għadu jservi, nieħdu sehem fil-funeral u meta jkun mistieden xi dinjitarju d-Depot, bħalma ftit ilu kien mistieden l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta, jieħdu sehem ukoll xi membri tal-Gwardja tal-Unur. Mis-sena l-oħra xtaqt li parati bħal *Remembrance Day* ma jibqgħux isiru mingħajr azzarini u għalhekk tkellimt ma' tal-Armata fejn ġie aċċettat u għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, għamilna l-parata flimkien mal-armata bl-azzarini. Fil-fatt anke għall-parata tas-Sette Giugno ta' din is-sena, il-parata saret bl-azzarin li nużaw aħna tal-għamla FAL.

F'parata bħal tal-*Police Day* normalment il-grupp ikun maqsum fi tnejn; Guard no. 1 u Guard no. 2, ikun hemm il-*Colours*, il-bandiera ta' Malta u dik tal-Korp u tliet surġenti li jkunu l-gwardji tagħhom. Il-gruppi kienu maqsuma fi tlieta mhux fi tnejn. F'parati oħra jkun hemm grupp wieħed li jkun ta' madwar tletin ruħ jiġifieri kważi nofs il-Gwardja tal-Unur. Bħala nisa fil-Gwardja tal-Unur għandi 25 mara, tnejn minnhom surġenti. Waħda mis-surġenti hija WPS 173 Elisia Scicluna li fl-1 ta' Marzu ta' din is-sena laħqet bħala *Drill Instructor*. Hi ġiet l-ewwel mill-grupp tagħha; dan ifisser li Elisia hija l-unika *Drill Instructor* fi grad ta' Surġent fi ħdan il-Korp. Apparti Elisia rridu ngħidu li hemm żewġ *drill instructors* oħra l-Akkademja li jgħallmu d-*drill* lir-rekluti. Is-surġent Elisia għamlet ħafna xogħol ukoll din is-sena, billi għallmet il-parata lill-membri kollha u f'qasir żmien - Parata li kienet ġdida għal kulħadd, inkluż għaliha stess. Iżda bi professjonalità u determinazzjoni rnexxielha. Nirringrazzja wkoll lil tal-FAM, fosthom lil GSM Roger Mulvaney u SM Marvic Abela li tawna s-support kollu li kellna bżonn.

Għall-25 anniversarju mir-riattivazzjoni tal-Banda tal-Korp, l-Assistent Kummissarju Anthony Cassar talab biex grupp żgħir mill-Gwardja tal-Unur jagħmel *display* żgħira għat-Tattoo ta' din is-sena, liema talba ġiet milqugħa mill-Kummissarju tal-Pulizija u fil-fatt sittax-il membru tal-Gwardja tal-Unur għamel *display* mal-banda waqt li qegħdin idoqqu. Dan il-grupp nieħu ħsiebu jiena u s-surġent Elisia u kienet ukoll xi ħaġa ġdida għalina però wasalna u rnexxielna wkoll.

Ħaġa li ridt naħdem fuqha minn kif sirt *Parade Commander* hija l-uniformi. Ma kontx niflaħ nara l-Gwardja tal-Unur tal-Korp li suppost il-Korp ikun onorat li għandu stakkament ta' nies li qiegħed jirrappreżentawh, jilbsu l-qmis u l-qalziet tas-sajf komuni. Wara diversi laqgħat mal-Kummissarju u fizzjali għoljin oħra, il-Kummissarju għaraf li kien hemm bżonn li l-Korp jinvesti f'uniformi għall-Gwardja tal-Unur biex b'hekk, għall-parata tal-*Police Day* ta' din is-sena żanżanna uniformi kif xtaqna u kif kien jixraq fl-aħħar mill-aħħar lill-Gwardja tal-Unur. Xewqa oħra li qtajt biex nara lill-membri tagħna aktar professjonali u isbaħ fid-dehra.



## We belong to a unit

Is-sena l-oħra xtaqt ukoll li għalkemm il-Korp kif nafu għandu emblema waħda uffiċjali, il-Gwardja tal-Unur ikollha *Coat of Arms* tagħha; u fuqha bħala disinn fost simboli oħra importanti li jkun hemm il-*Colours* tagħna, li huma l-istandardi tal-Korp. Din saret ukoll bl-għajnuna tal-Ispettur David Bugeja u Terrence Cutajar. Il-motto ta' din l-emblema l-ġdida xtaqt li jkun jikkonsisti minn tliet kelmiet qawwija fl-opinjoni tiegħi, li jmorru mal-mistier – **Dixxiplina, Unur** u **Lealtà,** tliet valuri umanistiċi, b'aspettattiva partikolari kull wieħed; minnhom wieħed jagħraf jasal għal valuri oħra, temm waqt li naqgħad miegħu fil-ħsieb; illi jalla dak li bdew ta' qabilna, li qed insaħħu aħna, jitkompla minn ta' warajna, sabiex fl-aħħar mill-aħħar ikompli jogħla l-livell li jagħmel l-unur propju lill-Korp, li aħna min aħna, illum il-ġurnata parti integrali minnu.

joseph.q.borg@gov.mt






# ĦIDMA KONTINWA GĦALL-ĠID TAL-MEMBRI

**Mill-Ispettur Neville Mercieca – Viċi-President**

MALTA POLICE ASSOCIATION
YOUR INDEPENDENT UNION

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta ġiet imwaqqfa fl-1955 sabiex tħares l-interessi tal-membri tagħha f'diversi oqsma li jaffettwaw il-ħidma u l-ħajja tagħhom. Din il-ħidma kompliet tissaħħaħ meta fl-2015 l-MPA ġiet irreġistrata bħala Unjin. Aħna dejjem sħaqna li l-membri tal-Korp huma ħaddiema bħall-oħrajn, u għandhom jiġu stmati tali. Imbilli dawn jiffurmaw parti minn Korp dixxiplinat, ma jfissirx li kulħadd jgħaddi minn fuqhom bħal gaffa, mingħajr ma wieħed iqis id-drittijiet tagħhom. Wieħed irid jirrikonoxxi li matul dawn l-aħħar snin, saru avvanzi, però għad fadal xi jsir u hemm bżonn li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu sabiex dan l-avvanz iseħħ.

**Pensjoni għas-Senior Constables u Senior Inspectors** - Wara li ġie ffirmat l-ewwel ftehim settorjali għall-membri tal-Korp, waslulna lmenti minn membri li telqu mill-Korp wara 25 sena servizz, iżda ma laħqux għamlu tliet snin fl-iskala l-ġdida, li l-pensjoni tagħhom mhux qiegħda tiġi maħduma sabiex tirrifletti l-iskala l-ġdida. L-MPA bdiet kuntatti mal-Awtoritajiet konċernati sabiex tistħarreġ ir-raġuni. L-MPA wkoll żammet lill-membri tagħha aġġornati fuq il-midja soċjali tagħha.

Ir-risposta li rċeviet l-MPA fuq dan is-suġġett kien li, 'Din hija meqjusa bħala promozzjoni u allura ġie kkonfermat illi uffiċjali li m'għandhomx almenu tliet snin fil-grad il-ġdid, tinħadmilhom il-pensjoni tas-servizz fuq l-*average method* bħala proċedura.'

L-MPA sejra tibqa' tesplora alternattivi oħra sabiex dan il-punt jiġi solvut għall-benefiċċju tal-membri tagħha li ġew affettwati.



EuroCOP

## EuroCOP

Il-President, is-Surġent Alexander Schembri u s-Segretarju Ġenerali, is-Surġent Marlon Hili attendew il-konferenza annwali tal-EuroCOP ġewwa Ateni, il-Greċja. It-tema kienet 'The Militarization of the Police ... something anachronistic?'

Waqt din il-konferenza, ġie diskuss l-irwol li Korpi militarizzati għandhom fl-Ewropa kif ukoll dawn xi jfissru għal pubbliku. Korp simili huma l-Carabinieri (Italja) u Guardia Civil (Spanja).
Attendenza f'attivitajiet simili huma importanti sabiex l-MPA żżomm kuntatt dirett ma' kollegi barranin u tibqa' aġġornata ma' dak li qiegħed jiġri fl-Ewropa.



## Ċerimonja tqegħid ta' kuruni

Bħal kull sena, l-MPA kienet mistiedna sabiex issellem il-memorja tal-kollegi tagħna li ħallewna għal dinja oħra. Il-President, is-Surġent Alexander Schembri u s-Segretarju Ġenerali s-Surġent Marlon Hili qiegħdu kuruna f'isem il-membri tal-MPA.

**Sahra tal-Elezzjoni tal-MEP's** - Wara sitt xhur ta' stennija u fuq pressjoni tal-MPA, il-Korp tħallas tas-sahra maħduma fl-elezzjonijiet ta' Mejju 2019 u b'konsegwenza ta' hekk ħallas ukoll lill-membri tiegħu.

Wara li l-MPA rċeviet diversi lmenti min-naħa tal-membri tagħha, rigward is-sahra li saret mill-membri tal-Korp fl-elezzjoni li saret f'Mejju 2019, sar kuntatt mad-Direttur tal-Finanzi fejn min-naħa tagħha kkonfermat li l-Korp kien għadu ma tħallasx. Għalhekk ittieħdet azzjoni immedjata min-naħa tagħna u ġew infurmati l-ogħla awtoritajiet tal-Korp kif ukoll il-Ministeru tagħna li min-naħa tagħhom għamlu dak kollu possibbli sabiex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta minnufih. Mhux aċċettabbli li wieħed idum jistenna xhur sħaħ sabiex jitħallas tax-xogħol li jkun diġà għamel.

**Miżata**

Il-Kumitat Eżekuttiv ifakkar li wasal iż-żmien sabiex tiġi mġedda l-miżata. It-tesserament għal sena jiswa €20, u dak ta' tliet snin jiswa €50. Membri li jissieħbu għall-ewwel darba, jingħataw estensjoni oħra ta' sena mas-sħubija tagħhom magħna.

Il-miżata tista' wkoll titħallas online permezz tal-website tagħna www.mpa.org.mt

Il-membri tagħna jistgħu jagħmlu kuntatt dirett magħna permezz ta' Facebook fuq www.facebook.com/maltapoliceassociation, jew website www.mpa.org.mt, jew e-mail exsec@mpa.org.mt jew permezz tat-telephone 2123 2892.

**F'isem il-President, is-Segretarju Ġenerali u l-Kumitat Eżekuttiv, nawgura lilkom u l-għeżież tagħkom, il-Milied it-tajjeb u s-Sena l-ġdida mimlija risq u hena.**

http://www.mpa.org.mt

---



**PARK TOWERS**
SUPERMARKETS

# Happy Festivities

FREE CUSTOMER PARKING

## CHRISTMAS EXTENDED SHOPPING HOURS

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| SUN 24TH NOV **08:00 to 18:00** | FRI 13TH DEC **08:00 to 21:00** | TUE 24TH DEC **08:00 to 18:00** | SUN 29TH DEC **08:00 to 18:00** | WED 1ST JAN **CLOSED** |
| SUNDAY 1ST DEC **08:00 to 18:00** | SUN 15TH DEC **08:00 to 18:00** | WED 25TH DEC **CLOSED** | TUE 31ST DEC **08:00 to 18:00** | THU 2ND JAN **08:00 to 21:00** |
| SUN 8TH DEC **08:00 to 18:00** | SUN 22ND DEC **08:00 to 18:00** | THU 26TH DEC **08:00 to 21:00** | | |

## REGULAR SHOPPING HOURS

| MON - WED | THU - FRI | SAT | SUN |
|---|---|---|---|
| **08:00 to 20:00** | **08:00 to 21:00** | **07:30 to 20:00** | **09:00 to 14:00** |

**Psaila Street, Santa Venera**
t. 2148 0807

**Gorg Borg Olivier Street, St Julian's**
t. 2137 8520

**Spinola Park, St Julian's**
t. 2138 1055

www.**myparktowers**.com




**INGĦAQAD**
**MAT-TIM TAGĦNA**

- Ħinijiet flessibbli
- Taħriġ provdut
- Żid id-dħul tiegħek

dhalia

- hr@dhalia.com
- fb.com/DhaliaMT
- www.dhalia.com

**real estate, real people**

# ERBA' SNIN TA' POLICE OFFICERS UNION

Minn PC 1583 Steve Spiteri - Viċi President tal-Police Officers Union

Il-*Police Officers Union* tagħlaq erba' snin. Erba' snin ta' ħidma ma' kull min kellu bżonn l-assistenza tagħna. Kienu ħafna s-sitwazzjonijiet li kellna nintervjenu fihom bħala Unjin. Ikolli nammetti li f'ċertu sitwazzjonijiet konna nkunu infurmati aħna bħala POU qabel ma wieħed ikun informa lis-superjuri tiegħu/tagħha. Fil-fatt normalment dawn is-sitwazzjonijiet jittranġaw mal-ewwel kif nagħmlu kuntatt mal-uffiċjal ikkonċernat.

Bħalma tafu, din is-sena mill-ewwel ta' Novembru li għadda beda jiffunzjona l-Kumitat il-ġdid, magħmul minn 9 membri hekk kif imqassam hawn taħt:

President: RSM Ray Zammit
Viċi President: PC1583 Steve Spiteri
Segretarju: PS463 Chris Ellul
Teżorier: PC1489 Jason Attard
Membru: PS492 Melchior Micallef
Membru: PS1255 Christian Azzopardi
Membru: PC1446 Tyrone Sammut
Membru: PC840 Roderick J. Psaila u
Membru: PS820 Jonathan Attard (ir-rappreżentant tagħna ġewwa Għawdex)

Filwaqt li nirringrazzjaw lill-Kumitat u s-sottokumitat tax-xogħol siewi li ta u li għadu kif ġie fit-tmiem tiegħu, nifirħu lill-Kumitat il-ġdid u nawgurawlhom għas-snin li ġejjin.

Ma nistax ma ngħidx xi ħaġa żgħira dwar il-President il-ġdid u ċioè l-RSM Ray Zammit li żgur mhuwiex wiċċ ġdid għal POU. Dan għaliex apparti li ħa l-ġurament tiegħu fil-Korp tlieta u erbgħin sena ilu, kien ukoll wieħed mill-fundaturi tal-Unjin.

Bħala POU ħassejna l-ħtieġa li jkollna rappreżentant/a għal persuni LGBTIQ+. Fil-fatt WPS261 Donna Frendo ġiet iddelegata f'isem il-*Police Officers Union* bħala kelliema għal persuni LGBTIQ+. Minn hawn nawgurawlha u nixtiqulha l-ħidma t-tajba.

Wara diversi laqgħat, f'Ottubru li għadda konna ħadna r-risposta rigward il-kwistjoni tal-pensjoni tal-grad tal-kuntistabbli li bis-saħħa tal-ftehim settorjali avolja tela' skala ġdida, din ma ġietx riflessa fil-pensjoni li ħa. Ir-risposta li ħadna kienet li l-kuntistabbli bl-iskala l-ġdida ġie ħa promozzjoni, iżda fil-verità s-*senior constable* baqa' fl-istess pożizzjoni u baqa' jagħmel l-istess xogħol li kellu qabel ma ħa l-iskala l-ġdida. Aħna bħala *Police Officers Union* ma waqafniex hemm u wara li ħadna parir

legali erġajna ktibna lil min hu kkonċernat li aħna mhux naqblu ma' din id-deċiżjoni u għaddejna r-raġunijiet tagħna. Aħna bħala POU mhux talli tlabna li min telaq jieħu d-differenza tal-iskala, iżda tlabna wkoll li din id-differenza tmur ukoll lura għal min telaq fl-ewwel ta' Jannar 2018.

Din is-sena bl-inizjattiva tas-Segretarju, PS463 Chris Ellul, għamilna kampanja sħiħa fejn aħna bħala POU u anke l-GWU bl-għajnuna ta' persuni oħrajn allokajna flus biex inkunu nistgħu ngħinu lil tfal li minħabba raġunijiet diversi ma jkunx jista' jkollhom dak li jixtiequ. Dawn huma talbiet li jsiru *online* fil-website *Childrendreams*. Xi kultant dawn ikunu affarijiet żgħar ħafna. Għalkemm dan m' għandux x'jaqsam max-xogħol tal-Unjin, nisperaw li għamilna ftit differenza fil-ħajja ta' dawn it-tfal għal dan il-Milied.

Il-*Police Officers Union* ma tiqafx taqbeż għal kull min ikollu bżonn irrelevanti mir-rank li jkollu. Hekk għamilna fil-passat u hekk ħa nibqgħu nagħmlu. Għandna ħafna ideat ġodda u ħafna kwistjonijiet pendenti li ħa nibqgħu naħdmu fuqhom.

Filwaqt li nfakkarkom li min jixtieq jidħol membru magħna jista' jagħmel kuntatt bit-telefown jew billi jibgħat email fuq policeofficersunion@gmail.com.

F'ismi bħala Viċi President, il-President u l-Kumitat kollu nixtiequ nawguraw il-Milied u s-Sena t-tajba lill-membri tagħna, *shopstewards* u lill-familji tagħkom kollha. Nawguraw ukoll il-Milied u s-Sena t-tajba lill-Kummissarju u lill-familja tiegħu, lill-Amministrazzjoni tal-Korp u lill-Korp tal-Pulizija kollu. Nawguraw ukoll il-Milied u s-Sena t-tajba lill-Kumitat tal-MPA.

Awguri

steve.a.spiteri@gov.mt



# AWGURI U XEWQAT SBIEĦ MINN



UNION PRESS – MALTA

Principal corridor at Police H.Q.

IL-MILIED IT-TAJJEB
U SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ

A MERRY CHRISTMAS
AND A HAPPY NEW YEAR

JOYEUX NOËL ET BONNE ANNEE

FELIZ NAVIDAD Y
PRÒSPERO ANO NUEVO

BUON NATALE E FELICE ANNO NUOVO

FROHE WEIHNACHTEN
UND EIN GLÜCKLICHES NEUES JAHR

GOD JUL OCH GOTT NYTT ÅR



Police Training Centre – Siġġiewi

*With Best Wishes*

*for*

*Christmas*

*and*

*The New Year*

# ĠABRA TA' KARTOLINI PASSATI

*Ħajr lill-Assistent Kummissarju Kevin-Joseph Farrugia*






Main reception hall of Officers' Mess at Police General Headquarters, Malta.
Work on this project was executed in 1983, in three months, by three Police Constables.



Malta Police Band on Parade.
Christmas 1973.

*With Best Wishes*
*for*
*Christmas*
*and*
*The New Year*


DEVON
DEVON
MORNING
COFFEE
SEMI-SWEET BISCUITS
Finest Quality Biscuits


THE
HAMPER & GIFT
COLLECTION
2019
EXQUISITE HAMPERS
TO SUIT ALL
TASTES AND NEEDS
FARSONSDIRECT
FARSONSDIRECT, THE BREWERY, MDINA ROAD, ZONE 2, CENTRAL BUSINESS DISTRICT (MRIEĦEL), BIRKIRKARA
T: 2381 4444 | INFO@FARSONSDIRECT.COM | WWW.FARSONSDIRECT.COM
CHRISTMAS OPENING HOURS FROM SUNDAY 8TH DECEMBER: MONDAY TO SATURDAY 9AM-7PM | SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS 9AM-2PM

# MISTOQSIJIET KOMUNI DWAR L-EMPLOYEE SUPPORT PROGRAMME (ESP)

**Employee Support Programme Unit**

L-*Employee Support Programme* joffri support psikoloġiku professjonali fuq bażi individwali lill-impjegati pubbliċi, inkluż lill-uffiċjali tal-pulizija li jesperjenzaw diffikultajiet personali kif ukoll dawk relatati max-xogħol, li jkunu qed jaffettwaw il-benesseri tagħhom. Is-servizz huwa kunfidenzjali u bla ħlas għall-impjegati pubbliċi u huwa offrut fuq bażi volontarja.

### Għal liema diffikultajiet nista' naċċessa l-ESP?

Għalkemm l-impjegati jistgħu jaċċessaw dan is-servizz biex jirċievu għajnuna għal diversi diffikultajiet, dawn li ġejjin huma l-iktar raġunijiet komuni l-għaliex l-impjegati jagħmlu kuntatt magħna:

- Stress, dipressjoni, ansjetà u diffikultajiet oħra ta' saħħa mentali
- Mewt u luttu ta' xi ħadd qrib
- Użu ta' sustanzi bħal droga u alkoħol
- Diffikultajiet relatati mal-familja, żwieġ u relazzjonijiet oħrajn
- Vjolenza domestika
- Problemi bejn il-ġenituri u l-ulied
- Diffikultajiet relatati mal-post tax-xogħol bħal stress eċċessiv
- Wara esperjenzi trawmatiċi, anke jekk jiġru waqt il-ħin tax-xogħol

### Kemm huwa kunfidenzjali s-servizz tal-ESP?

Kull kuntatt li jsir mal-ESP huwa kunfidenzjali. Ħadd ma jkun jaf bil-parteċipazzjoni tiegħek jekk ma tagħżilx li tgħidilhom inti stess, u ma tingħata l-ebda informazzjoni lill-post tax-xogħol mingħajr il-permess tiegħek. L-informazzjoni li taqsam mal-professjonisti tal-ESP ma tistax tiġi mgħoddija lil ħaddieħor jekk mhux bil-kunsens miktub tiegħek u l-ebda kontentut ta' dawn il-laqgħat ma jiġu inklużi fil-file personali tiegħek. Il-kunfidenzjalità tinkiser biss meta jkun hemm ir-riskju għal ħajtek jew ta' ħaddieħor jew abbuż fuq minuri.



### Kif nista' naċċessa s-servizz?

Biex tagħmel appuntament mal-Unit tista' ċċempel fuq 2200-1210 jew tibgħat e-mail fuq esp.opm@gov.mt.
Il-ħinijiet tal-appuntamenti huma flessibbli u jingħataw appuntamenti anke wara l-ħin tax-xogħol.

Meta tagħmel kuntatt mal-Unit, tingħata l-ewwel appuntament li fih nibdew noffru s-support tagħna u nifhmu aħjar ir-raġuni għalfejn tixtieq taċċessa s-servizz. Għal iktar informazzjoni dwar is-servizz tal-ESP, tista' żżur is-sit elettroniku www.esp.gov.mt



# MILL-IMGĦODDI

Mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

F'din il-ħarġa qed nippubblika ritratt li ċert li ħafna minnkom rawh xi mkien. Ir-ritratt juri l-mument solenni meta l-poplu Malti ngħata l-unur tal-George Cross mill-Ingliżi, għall-qlubija, lealtà, perseveranza eċċ. Iżda l-parti li tagħmel dan ir-ritratt importanti u interessanti hija l-parti ta' wara tiegħu.

